22003D0001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 1/2003

tal-31 ta' Jannar 2003

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. 157/2002 tas-6 ta' Diċembru 2002 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni Nru 54/2001 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tat-18 ta' Mejju 2001 li temenda l-Anness I (kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE ([2]) tipprovdi għal-Liechtenstein titwil tal-perjodu transitorju fir-rigward tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2001 sakemm iseħħ arranġament dejjiemi li għandu jkun implimentat sa dik id-data.

(3) Il-Komunità Ewropea, il-Liechtenstein u l-Konfederazzjoni Svizzera jaqblu fuq l-applikazzjoni għal-Liechtenstein ta' l-Anness 11 (Kwistjonijiet veterinarji) tal-Ftehim dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Konfederazzjoni Svizzera skond il-bażi tat-Trattat Doganali Svizzera-Liechtenstein.

(4) Peress li din is-soluzzjoni tipprovdi għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni veterinarja Svizzera, hu xieraq li l-Liechtenstein tkun eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu I,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test ta' l-ewwel paragrafu ta' l-ADATTAMENTI SETTORJALI għall-Anness I għall-Ftehim għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Kapitolu I, 'Kwistjonijiet Veterinarji', m'għandhomx japplikaw għal-Liechtenstein."

([1]) ĠU L 38, tat-13.2.2003, p. 3.
([2]) ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 58.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, b'kondizzjoni li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, il-31 ta' Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda obbligu kostituzzjonali mhu indikat.